MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 2259/2003

**Elmo Insurance Agency Limited, bhala rappresentanti tas-socjeta` estera Royal & Sun Alliance Insurance plc**

**vs**

**Muscat Lawrence**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Novembru, 2003 fejn intalab il-hlas ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) dovuta minnu bhala "policy excess" skond kuntratt ta' assikurazzjoni bejn il-konvenut kellu mas-socjeta` attrici noe fir-rigward ta' vettura numru IAD-617 propjeta` tal-konvenut wara li mas-socjeta` attrici noe kienet registrata "claim" bin-numru 02A892(5) bhala konsegwenza ta' incident stradali li gara l-Birgu fit-28 ta' Mejju, 2002, li fih kienet involuta l-imsemmija vettura;**

**Oltre s-sorte, il-konvenut ghandu jhallas l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali tal-10 ta' Marzu, 2003, u l-imghax legali b'effett mill-10 ta' Marzu, 2003 sad-data tal-pagament effettiv.**

**Ra l-kapitolu prezentat fis-16 ta' Jannar, 2004, mis-socjeta` attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut .**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Ghaldaqstant fil-kontumacja tal-konvenut it-Tribunal qed jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hamsa u ghoxrin liri Maltija (Lm25.00) bl-imghax legali mill-10 ta' Marzu, 2003 sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tal-10 ta' Marzu, 2003, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------